## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 350/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**OMISSIS**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **OMISSIS**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru **OMISSIS**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli fir-Rabat (Victoria) Għawdex u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, f'Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula f'riżoluzzjoni waħda:

1. b'għemil żieni kkorrompa lil bintu minuri **OMISSIS** ta' tlett snin;

2. mingħajr ordni skont il-liġi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri **OMISSIS**, kontra l-volonta' tagħha sabiex bħala mara jġiegħlha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-liġi *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni tenut kont tar-reati addebitati u ċ-ċirkostanzi ta' membru domestiku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2017 (*a fol.* 1037 *et seq.*) fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Il-Ewwel Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' ismijiet ta' **OMISSIS**, **OMISSIS** u l-minuri konċernata fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali (*a fol.* 1151 *et seq.*) ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issinb ħtija kontra l-appellat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi l-konsulenti legali ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-appell jiġi mismugħ minn din il-Qorti kif preseduta u dana minkejja li l-Imħallef sedenti kien wieħed minn diversi Maġistrati li għal xi żmien kien qed jisma' l-kawża li eventwalment ma ġietx deċiża minnu.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti wara li fit-2 ta' Mejju 2007 ġiet ippreżentata ċitazzjoni fil-konfront tiegħu quddiem l-istess Qorti fejn hu ġie mixli b'numru ta' imputazzjonijiet relatati ma' allegat abbuż li seħħ fis-sena 2006 meta l-minuri **OMISSIS** kellha tliet snin. Jirriżulta wkoll li l-mertu ta' dan il-każ seħħ waqt li l-ġenituri ta' **OMISSIS** ċioè **OMISSIS** u l-appellat **OMISSIS** kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u eżattament meta l-minuri kienet waħidha ma' missierha waqt li kien qed jeżerċita d-dritt ta' aċċess tiegħu magħha.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jagħmel numru ta' konsiderazzjoni tad-dritt fir-rigward tas-segwenti:

- Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Ir-regola tad-*detto del detto*;
- Artikoli 629 u 630 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Periti nominati mill-Qorti;
- Applikazzjoni tal-prinċipji legali.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-verżjoni tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni hija aktar verosimili mill-verżjoni illi ta l-appellat li skont l-istess appellant kien kapaċi biss jirrespinġi l-allegazzjoni illi saret fil-konfront tiegħu billi jwaħħal fl-omm u jgħid li din kienet biss storja vvintatha sabiex jiġi mpedit milli jara lil bintu. Skont l-appellant Avukat Ġenerali din il-verżjoni hija għal kollox meruta mhux biss mill-provi iżda mix-xiehda ta' Peter Paul Portelli li kienet il-persuna nkarigata illi ssegwi l-aċċess tal-minuri.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid hekk: *"Illi l-esponent jibda billi jagħmel riferenza għax-xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni u ċioè senjatament għax-xhieda tal-minuri **OMISSIS**, tal-omm **OMISSIS**, tan-nanniet materni **OMISSIS** u **OMISSIS**, taz-zija tal-minuri **OMISSIS**, tal-clinical pyschologist u psycotherapist Denise Borg, u tas-social worker tal-Aġenzija Appoġġ Peter Paul Portelli. Fl-umli opinjoni tal-esponent, kemm-il darba wieħed jagħmel eżami akkurat tal-provi fl-assjem tagħhom, jirriżultaw ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-imputat qua appellat u dan kif sejjer jiġi spjegat"* (*a fol.* 1158). L-appellant Avukat Ġenerali ma jaqbilx ma' l-Ewwel Qorti illi l-każ tal-Prosekuzzjoni kien ibbażat fuq konġetturi u suppożizzjonijiet u jsostni illi r-reati li kien mixli bihom l-appellat jirriżultaw kollha ppruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni għaliex l-azzjonijiet kommessi minnu fil-konfront ta' bintu jammontaw għal *atti di libidine* u sekwestru fuq il-persuna. Jisħaq li jeżistu ċ-ċirkostanzi li trid il-liġi sabiex din il-Qorti tiddisturba l-ġudizzju tal-Ewwel Qorti u dan għaliex fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula minnu, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet legalment raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta' liberatorja li waslet għaliha fil-konfront tal-appellat.

**Ikkunsidrat**

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali huwa prinċipalment ibbażat fuq l-apprezzament tal-provi hekk kif miġbura u mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi jibda billi jingħad li huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti mhijiex ser toqgħod tirriproduċi hawn il-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha b'mod estensiv mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-Qorti ser tagħmel riferenza għal dak li skont l-Avukat Ġenerali setgħet tinstab ħtija fl-appellat u dana fid-dawl tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2009 (*a fol.* 411).

Konsiderazzjonijiet dwar l-Ewwel (1) Imputazzjoni (Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Illi l-Qorti ser tagħmel riferenza għal dak li jiddisponi Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen** dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u ċioè:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*
>
> *"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come*

> *norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*
>
> *Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Illi dwar ir-rekwiżit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

> *"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

> *"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*
>
> *[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ngħad li l-Ewwel Qorti ma kinitx f'pożizzjoni tevalwa x-xhieda skont il-kriterji f'Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza kienet diversament komposta tul iż-żmien tant li skont l-istess sentenza appellata l-Ġudikant li ddeċieda s-sentenza appellata ma sema' l-ebda xhud. Bħala parenteżi jiġi nnutat li l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti wara li ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni kontra l-appellat inżammet fil-5 ta' Ġunju 2007 u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat fis-6 ta' Lulju 2017. M'hemmx għalfejn jingħad li dan huwa tul ta' żmien inaċċettabbli bħal ma *del resto* ilhom pendenti l-proċeduri f'dan l-istadju tal-appell!

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-ġenituri tal-minuri **OMISSIS** kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni bejniethom. Apparti minn dan, fir-rigward tad-depożizzjoni mogħtija mill-istess minuri quddiem l-Ewwel Qorti filwaqt li jirriżulta li ma kien faċli xejn li l-minuri tixhed (u dana jirriżulta mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnha), da parte tagħha d-difiża ssottomettiet li d-depożizzjoni mogħtija minnha

kellha tiġi dikjarata inammissibbli għaliex qatt ma setgħet tiġi kkontrollata u għalhekk għandha tiġi kompletament skartata.

Illi kienet korretta l-Ewwel Qorti meta rrimarkat li l-proċedura adoperata mill-Prosekuzzjoni kienet legalment skorretta u dan mhux biss għaliex id-difiża ġiet prekluża milli tikkontrolla x-xhud permezz tal-kontro-eżami. Apparti minn dan jirriżulta wkoll li l-fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 830) l-Ewwel Qorti ġiet infurmata li l-minuri flimkien ma' ommha ma kienux għadhom Malta.

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti nnominat lil Psikologa Klinika Dr. Roberta Attard sabiex tassistiha waqt is-smiegħ tax-xiehda tal-minuri **OMISSIS** u dakinhar li l-minuri tat it-testimonjanza tagħha (fis-seduta tas-17 ta' April 2008 – *a fol.* 254 *et seq.*), l-Ewwel Qorti estendiet l-inkarigu tagħha sabiex tħejji rapport dwar is-segwenti:

- jekk fix-xiehda tagħha l-minuri **OMISSIS** dehritx qed tiġi nfluenzata minn ommha f'dak li kienet qed tgħid u dana fid-dawl tal-fatt illi ommha kienet qiegħda ħdejha l-ħin kollu waqt ix-xiehda tagħha;

- il-kompetenza tax-xhud tenut kont ta' l-eta' tenera tagħha;

- jekk dak li qalet il-minuri setgħa ngħad lilha minn terzi jew kinitx esperjenza li għexet hi fir-realta'.

Illi għandu jingħad li din l-estensjoni tal-inkarigu saret wara li s-seduta tas-17 ta' April 2008 jidher li kienet karatterizzata minn numru ta' dikjarazzjonijiet mill-konsulenti legali hekk kif jidher mill-verbal in kwistjoni (*a fol.* 254 *et seq.*).

Illi għal kull buon fini jingħad li fir-Rapport tagħha (*a fol.* 313 *et seq.*), Dr. Roberta Attard wieġbet, fost l-oħrajn, is-segwenti għad-domandi magħmula lilha mill-Ewwel Qorti:

- għad-domanda jekk fix-xiehda tagħha l-minuri **OMISSIS** dehritx qed tiġi nfluenzata minn ommha f'dak li kienet qed tgħid u dana fid-dawl tal-fatt illi ommha kienet qiegħda ħdejha l-ħin kollu waqt ix-xiehda tagħha, wieġbet: *"ma jidhirx illi l-preżenza ta'* ***OMISSIS*** *waqt l-intervista tat-tifla serviet sabiex tinfluenza l-minuri b'mod illi kkonfermat l-akkużi kontra missierha* ***OMISSIS****"* (*a fol.* 315);

- dwar id-domanda rigward il-kompetenza tax-xhud tenut kont ta' l-eta' tenera tagħha, Dr. Attard wieġbet: *"jidher illi l-minuri* ***OMISSIS*** *hija xhud ta' kompetenza"* (*a fol.* 316); u

- għad-domanda jekk dak li qalet il-minuri setgħa ngħad lilha minn terzi jew kinitx esperjenza li għexet hi fir-realta', Dr. Attard wieġbet: *"Ir-riċerka turi illi t-tfal, anke żgħar, huma kapaċi illi jiftakru u jirrakontaw b'mod preċiż ħafna, dettalji ta' sitwazzjonijiet illi jinsabu fihom. [...] Ir-risposti li tat il-minuri lil Onorabbli Qorti kienu risposti sofferti ħafna, b'nuqqas ta' dettal u xotti ħafna. It-tifla uriet b'mod ċar illi għaliha kienet trawma kbira terġa' tirrakonta lil nies ġodda li kienu preżenti, xi ħaġa illi mingħajr ebda dubbju kienet qed tikkawżalha ħafna ansjeta' u swied il-qalb"* (*a fol.* 316).

Illi Dr. Roberta Attard tagħlaq ir-rapport tagħha billi tgħid hekk: *"L-opinjoni tiegħi hija huwa ta' importanza kbira illi t-tifla ma tiġix aktar mistoqsija dwar l-allegat abbuż, f'kwalunkwe ambjent, anke wieħed familjari għaliha. F'dan il-punt jidher illi l-livelli ta' ansjeta' tat-tifla huma ħafna għoljin u li s-saħħa mentali tagħha tista' tkun f'periklu jekk tkun aktar involuta b'mod personali fil-każ, eż. sabiex tagħti aktar xhieda. Ukoll, huwa probabbli illi l-kwalita' tax-xhieda tat-tifla tiġi affettwata b'mod negattiv b'kull intervista żejda illi tagħmel"* (*a fol.* 317).

Illi mingħajr bl-ebda mod ma din il-Qorti tiskredita jew tnaqqas mill-professjonalita' murija mill-espert nominata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Akram Amar Swayah** (Numru 124/2005) mogħtija fit-

8 ta' Mejju 2006 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-ewwelnett jiġi osservat illi Dr. Stanley Zammit ma eżaminax lil PS 951 Joseph Tonna iżda lil PC 152 Consiglio Tanti. Dan jidher ċar miċ-ċertifikat Dok. ST 1 *a fol.* 64 tal-proċess. Kwantu għal dak li wassal lill-Ewwel Qorti li tikkunsidra l-offiża li ġarrab PS 951 Joseph Tonna bħala gravi, l-Ewwel Qorti qalet hekk:
>
>> "Illi dwar il-ferita subita minn PS 951 Joseph Tanti [**recte**: Tonna], il-Qorti taqbel ma' dak li qal Doctor Gunther Abela dwar in-natura ta' tali ferita fis-sens li kienet ta' natura gravi u fil-fehma tagħha tali ferita hija dik li taqa' fil-parametri tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex tikkostitwixxi sfreġju gravi u permanenti fil-għonq. Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura ħafifa, għaliex fil-fehma tiegħu, peress li l-imputat [**recte**: il-vittma] huwa raġel ta' ħamsa u erbgħin sena u għandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bħala ferita ta' natura gravi.
>>
>> Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè min għandu jiddeċiedi, mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu. F'dan il-kaz il-Qorti rat *di viso* l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skont l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinħass ukoll."
>
> Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda spropożitu legali jew loġiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taċċetta jew ma taċċettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti,

> nonostante li l-Perit ġie nominat mill-Qorti speċifikatament sabiex jeżamina lil PS 951 Joseph Tonna (Artikolu 650 tal-Kap. 9), l-Artikolu 656 jgħid testwalment:
>
> **"Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."**
>
> Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet anke toqgħod għall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiża li ġarrab PS 951 Joseph Tonna "tinħass", u ma toqgħodx għall-fehma tiegħu illi tali offiża ma tikkostitwix sfreġju ġialadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiża in kwistjoni "hija waħda visibbli minn distanza normali". Skond ġurisprudenza ormai pacifika difatti, il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279)."

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti ma kinitx marbuta ma' dak li ngħad fir-rapport ta' Dr. Roberta Attard u dan minħabba dak li jiddisponi Artikolu 656 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti, għandu jingħad li minkejja li espert nominat mill-Qorti jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li huwa jkun ikkonstata, hija l-Qorti li jkollha x-xenarju kollu quddiemha u li minn tali xenarju tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Hija minħabba din ir-raġuni li jkun hemm drabi fejn il-Qorti tiskarta dak li jkun ġie konkluż mill-espert imqabbad minnha u dana peress illi l-fatti kollha jkunu għad-dispożizzjoni tal-Qorti u mbagħad hija tasal għal konklużjoni tagħha ġialadarba tqis dawn il-fatti kollha f'daqqa, inkluż dak li jkun ikkonkluda l-espert nominat minnha – pero' mhux biss dak li jkun ikkonkluda l-espert għaliex altrimenti kieku l-Qorti jkollha ta' bilfors tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tal-espert imqabbad minnha li jkun ifisser li l-Qorti ma tkunx qed taqdi r-rwol tagħha kif suppost.

Illi dwar ix-xhieda l-oħra li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti din il-Qorti tinnota, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Apparti dak li diġa' ngħad aktar 'il fuq dwar meta xehdet il-minuri **OMISSIS** għandu jingħad ukoll li meta hija xehdet ma jidhirx li l-lok kif xehdet kien ideali għal tifla minuri sabiex tixhed u dana tenut kont tal-ambjent li kienet fih u l-eta' tenera tagħha. Minkejja li l-minuri qalet dak li kellha tgħid permezz ta' *video conferencing* pero' din il-Qorti kif preseduta għamlet żmien twil mhux ħażin isservi fil-Qorti ta' Għawdex bħala Maġistrat u hija ben konxja ta' dak li jiġri meta fl-imsemmija Qorti kienet issir depożizzjoni ta' xhud permezz ta' *video conferencing* speċjalment meta l-persuna tkun minuri ta' eta' tenera ħafna fejn fl-awla jkun hemm, fost l-oħrajn, l-avukati (kemm tal-*parte civile* u kif ukoll tal-persuna mixlija) u l-Prosekuzzjoni li jkunu qed jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. Jirriżulta li t-testimonjjanza tal-minuri ġiet imwaqqfa minħabba s-sottomissjonijiet li kellhom isiru. Dawn jirriżultaw mill-verbal ta' meta xehdet il-minuri u kif ukoll mit-traskrizzjoni tal-istess depożizzjoni.

  Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tad-depożizzjoni mogħtija mill-minuri **OMISSIS** u mingħajr ma' din il-Qorti toqgħod terġa' tirriproduċi hawn dak li hija qalet u dana peress li fis-sentenza appellata ssir ampja riferenza għaliha, din il-Qorti tinnota li tul id-depożizzjoni mogħtija mill-minuri jsiru riferenza għas-segwenti: *"pink nail"*, *"ripped underwear"*, *"scissors"*, *"very naughty"*, *"Daddy was playing a doctor game"*, *"I don't think it's fun anymore"*, *"silly"*, *"ċuċċi"*, *"tickle man"*.

  Illi din il-Qorti tifhem li mhux faċli xejn li tifla ta' eta' tenera bħal ma kienet **OMISSIS** tagħti d-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti u dana b'mod speċjali meta tkun fil-preżenza ta' nies li ma tkunx taf min huma. L-istampi u t-tpinġijiet u l-kliem li jintużaw jistgħu jwasslu lil persuna ta' dik l-eta' tenera sabiex b'xi mod jew ieħor tħossha komda

sabiex tgħid dak li jkun ġara pero' f'dan il-każ din il-Qorti tinnota li d-depożizzjoni mogħtija mill-minuri kienet karatterizzata minn ħafna logħob u domandi suġġestivi u saħansitra kien hemm mument fejn il-konsulent legali tal-*parte civile* għamel tentattiv sabiex hi tgħid li l-appellat kien qalilha li dak li allegatament seħħ kien sigriet li ma setgħetx titkellem dwaru. Għandu jingħad li l-użu ta' stampi li saru u r-risposti mwieġba kienu vagi u inkonklussivi.

- **OMISSIS** xehdet, fost l-oħrajn, li meta t-tifla daħlet fil-vettura u staqsietha għalfejn kienet qed tibki u x'kien ġara, tgħid li bintha qaltilha: *"But Daddy was very careful."* L-istess **OMISSIS** xehdet li meta marret id-dar innutat li t-tifla **OMISSIS** kienet tidher assenti u kwieta ħafna.

- Il-*Clinical Psychologist u Psychoteraphist* Denise Borg xehdet li kienet ġiet inkarigata minn **OMISSIS** peress li kienet inkwetata minħabba li t-tifla dehret disturbata u ma riditx tmur skola.

- Peter Paul Portelli xehed hekk, fost l-oħrajn, quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 103 *et seq.*): *"Fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) ġara inċident waqt l-aċċess fejn wara li jien wissejt lill-koppja sabiex ma jogħodux jillatikaw fil-preżenza tat-tifla, ngħid illi l-missier ħin minnhom għajjar lil omm bil-kliem: "you wanted to abort her!" hawnhekk għandi ngħid illi l-omm xejjret idejha u laqtet lil missier b'daqqa ta' ħarta fuq wiċċu. Nikkonferma illi meta l-omm kellha din ir-reazzjoni hija bdiet tgħid illi dak li kien qed jallega l-missier ma kienx veru. Kien hawnhekk fejn jiena ma ppermettejtx aktar lill-koppja jiltaqgħu fit-Taqsima u għalhekk informajt lill-Qorti b'dan.*

  *Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju ta' dik is-sena niftakar li kien ingħata digriet mill-Qorti fejn il-Qorti kienet iddeċidiet illi l-omm m'għandhiex tkun preżenti waqt il-ħin ta' l-aċċess kif ukoll li ma kienx hemm bżonn li s-social worker ikun il-ħin kollu preżenti waqt il-ħin ta' l-aċċess. Ngħid illi għall-bidu dan l-arranġament ukoll kien qiegħed jirnexxi. Ngħid illi l-omm kienet takkompanja lit-tifla*

*barra l-bini taċ-Ċentru. Minn hawnhekk it-tifla kienet tinġabar minn social worker li kien ikun hemm preżenti, kienet tiddaħħal ġewwa ġoċ-Ċentru, biex inkun preċiż ġol-bitħa ta' l-istess, fejn hemmhekk imbagħad it-tifla kienet tara lil missierha. Ngħid illi hawnhekk it-tifla ma kinitx turi riluttanza sabiex tmur għand missierha.*

*Ngħid illi f'dan il-perjodu ta' żmien l-omm bdiet ittella' lit-tifla sabiex taraha l-psikologa ta' l-Aġenzija Appoġġ ġewwa Malta. Nippreċiża illi f'dan il-perjodu ta' żmien it-tifla bdiet issibha diffiċli u ċioè ma kinitx tkun trid iktar tiġi għall-aċċess flimkien ma' missierha u ċioè tara lil missierha. Dana nafu anke jiena personalment peress illi kont nara lit-tifla ma kinitx tkun trid tmur iktar għand missierha; kien hemm okkażjonijiet fejn l-omm anke kienet iċċempilli sabiex immur id-dar. Jiena kont immur u kont nara b'għajnejja li t-tifla assolutament ma kinitx tkun trid tmur tara lil missierha. Għandi ngħid ukoll illi kont nara lil omm preokkupata meta t-tifla kienet turi dan l-atteġġjament.*

*Fid-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) jiena għandi din l-entry ġol-file tiegħi; ngħid illi għandi din l-entry peress illi mhux dejjem jien kont immur sabiex ngħaddi t-tifla lil missier iżda kien ikun hemm social workers oħra u jiena kont nitlobhom sabiex jagħmlu entry fil-file kull darba. Ngħid illi l-entry tgħid hekk: "**OMISSIS** came running to her father who just arrived. After a ten minute session **OMISSIS** was heard crying and we informed Peter Paul Portelli. For several minutes Peter Paul and **OMISSIS** tried to calm the youngster down but she kept crying stating that she wants to go home."*

*Ngħid illi f'dan il-ħin jiena kont fl-uffiċċju tiegħi u fil-fatt smajt lit-tifla tibdi. Dan kien biki qawwi u kien qisu biki inkontrollabbli tant illi jiena ħassejt illi jiena kelli noħrog mill-uffiċċju tiegħi sabiex nara x'ġara. Fil-fatt ngħid illi l-minuri aħna bl-ebda mod ma stajna nikkalmawha; hija bdiet tinsisti magħna li trid lil ommha u għalhekk jiena ddeċidejt li nċempel lil omm li fil-fatt ġiet għaliha u ħaditha d-dar. Ngħid illi jiena bdejt nipprova nistaqsi lit-tifla x'kien ġara iżda hija ma tagħtni l-ebda spjegazzjoni; staqsejt ukoll*

*lil* ***OMISSIS*** *x'kien ġara pero' lanqas huwa ma kien spjegali dak li kien seħħ.*

*Ngħid illi wara din l-okkażjoni* ***OMISSIS*** *kienet iġġib it-tifla għall-aċċess skont id-digriet iżda kull darba konna nippruvaw nikkonvinċu lit-tifla tidħol tara lil missierha u hija assolutament ma kinitx tkun trid tarah. Ngħid illi jiena pruvajt anke indaħħal social workers nisa sabiex forsi jkellmuha u jippruvaw jikkonvinċuha tara lil missierha iżda assolutament dan ma rnexxielniex nagħmluh għaliex baqgħet tinsisti li lil missierha ma riditx tarah.*

*Ngħid illi quddiem* ***OMISSIS*** *kienet tipprova tipperswadi lit-tifla u tinsisti magħha sabiex tmur tara lil missierha iżda t-tifla xorta waħda kienet tibqa' tirrifjuta. Jiena rrid ngħid li b'mod ġenerali l-omm dejjem kienet iġġib it-tifla għall-aċċess. Kien biss f'xi okkażjonijiet meta forsi t-tifla kienet tkun ma tiflaħx jew ikun hemm xi inċident illi hija ma kinitx iġġibha.*

*Fl-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) it-Taqsima Soċjali kienet ġiet infurmata illi t-tifla kienet bdiet tattendi l-iskola tax-Xagħra u għalhekk l-omm ma setgħetx tkompli iktar twassalha għall-aċċess. Fl-għaxra (10) ta' Ottubru ta' l-elfejn u sitta (2006) ngħata digriet mill-Qorti fejn il-Qorti rriżervat li tieħu l-provvedimenti opportuni wara li jkun ġie ppreżentat ir-rapport tal-psikologa mill-Aġenzja Appoġġ.*

*Fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) ingħata mbagħad digriet mill-Qorti fejn il-Qorti kienet awtorizzat lil missier ikollu aċċess għal bintu fil-ħin tal-brake ġewwa l-iskola stess. Minn hawnhekk għalhekk it-Taqsima tal-Ħidma Soċjali ma baqgħetx iktar issegwi l-każ. Minn wara dana għalhekk aħna qatt ma erġajna kellimna la lil* ***OMISSIS*** *u lanqas lil* ***OMISSIS****. Jekk kien hemm xi okkażjoni fejn kien iċempilli xi ħadd mill-partijiet – fil-maġġjor parti forsi kienet iċċempilli* ***OMISSIS*** *– jiena kont dejjem nirriferihom għand l-avukat tagħhom.*

*Ngħid illi* ***OMISSIS*** *kienet ta' spiss tilmenta miegħi dwar l-attitudni li kienet qed tieħu l-Aġenzija Appoġġ għar-rigward ta' dan il-każ. Kienet qed tilmenta li l-aġenzija kienet qed tieħu wisq*

*żmien sabiex tasal għall-konklużjoni fuq dan il-każ. Meta hija kienet tgħidli dan id-diskors jiena kont nirriferiha għand l-avukat tagħha u kont ngħidilha sabiex isir pressure anke fuq il-Qorti sabiex l-aġenzija tikkonkludi l-każ tagħha.*

*Ngħid illi fil-fatt* ***OMISSIS*** *kienet infurmatni li kienet anke kellmet lill-Kummissarju għat-Tfal dwar il-mod kif kienu qed jimxu l-Aġenzija Appoġġ magħha u kienet iddaħlet il-Kummissarju għat-Tfal f'dan il-każ. Nikkonferma illi għalkemm l-Aġenzija Appoġġ m'għandhiex uffiċċji hawnhekk f'Għawdex pero' nista' nikkonferma li hemm nies Għawdxin jaħdmu fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ.*

*Għandi ngħid illi waqt il-ħin ta' l-aċċess jiena kont nosserva li t-tifla kienet iġġib ruħha b'mod normali fil-konfront ta' missierha u kienet tilgħab miegħu u anke meta kienet tarah, kienet titlaq tiġri għal fuqu. Ngħid illi meta hija bdiet tinsisti li jkun hemm l-omm preżenti u fil-fatt l-omm kienet tkun preżenti, it-tifla ukoll kienet l-attitudni tagħha lejn missierha kien ikun wieħed normali."*

- Meta l-appellat **OMISSIS** xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa spjega kif iż-żwieg tiegħu u ta' martu kien tkisser b'mod irrimedjabbli. Huwa spjega li kien lejn il-bidu ta' Marzu 2006 wara li rċieva sms li fih issemmiet il-frażi *"pink nail"* li huwa beda jissuspetta li **OMISSIS** kienet ser tagħmel xi allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu tant li rrapporta l-każ lis-*social worker* ta' Għawdex Peter Paul Portelli u lill-medjatriċi tagħhom Erika Cutugno.

Illi apparti dak kollu li ngħad hawn fuq u kif ukoll wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali kollha u wara li qieset ir-raġunijiet li minħabba fihom l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha fir-rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri tinnota li minn imkien ma jirriżulta fl-atti proċesswali li l-appellat ikkommetta korruzzjoni tal-minuri **OMISSIS**. In fatti kellha raġun l-Ewwel Qorti tgħid li fl-atti proċesswali ma saret ebda prova li kien hemm xi *"ripped underwear"* jew xi *"underwear"* nieqes u minkejja li l-Qorti mbagħad qaltilha li kien missierha li

*"ripped her underwear"* u fuq domanda jekk kinitx liebsa dan l-*"underwear"*, hi tgħid li ma tafx.

Illi kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq insinwazzjonijiet meta fl-atti proċesswali ma hemmx ebda prova ta' x'inhu dan il-*"pink nail"*. Minkejja li x-xhud wieġbet fl-affermattiv għad-domanda jekk dan il-*"pink nail"* kienx *"very naughty"*, pero' ma saret ebda domanda konsegwenzjali dwar x'riedet tfisser bil-kelma *"naughty"* u kif il-*"pink nail"* kien *"naughty"*.

Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti proċesswali kollha, inkluż is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, irriżultalha l-filmat ta' meta l-minuri **OMISSIS** xehdet quddiem l-Ewwel Qorti ma nżammx fl-atti proċesswali u dana minħabba r-raġuni msemmija fl-istess sentenza appellata. Dan huwa ta' għajb għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja u minkejja li din il-Qorti għandha t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn **OMISSIS** kien ikun ferm aktar utili kemm għal din il-Qorti u kif ukoll għall-Ewwel Qorti li tat is-sentenza (li kienet preseduta minn Ġudikant li kien differenti minn meta xehdet il-minuri) li jaraw dan il-filmat u jgħixu huma nfushom dak li ġara dakinhar meta xehdet il-minuri. Id-depożizzjoni tal-minuri hekk kif mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti kienet waħda sensittiva u kellha tkun rekordjata u miżmuma fl-atti kif *del resto* jiġri fil-ġranet tallum.

Illi din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel aktar riferenzi għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li kellha d-dubju tagħha dwar dak rakkontat minn **OMISSIS** jikkostitwixix *atti di libidine* u dana peress li l-Ewwel Qorti qieset sew il-fatti kif esposti. Għaldaqstant, għall-istess raġunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies li minn imkien ma jirriżulta li l-appellat ikkommetta korruzzjoni tal-minuri **OMISSIS**.

Konsiderazzjonijiet dwar it-Tieni (2) Imputazzjoni
(Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni fir-rigward ta' sekwestru *ai termini* ta' Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li skont l-Avukat Ġenerali setgħet tinsab ħtija tagħha fl-appellat, din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid għajr li dak li jiddisponi dan l-Artikolu ma jirriżultax f'dan il-każ u dana tenut ukoll ta' dak li ngħad fir-rigward tar-reat tal-allegat korruzzjoni tal-minuri aktar 'il fuq f'din is-sentenza. In fatti anke l-Avukat Ġenerali meta fir-Rikors tal-appell tiegħu jitkellem dwar Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid li f'dan il-każ sejbien ta' ħtija f'dan ir-reat jiddependi minn sejbien ta' ħtija fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li

jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi nklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti [...]. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Finalment, din il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, ta' isem **OMISSIS**, **OMISSIS** u l-minuri **OMISSIS**

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**